MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 547/2009

**Strand Palace Agencies Limited**
**C-3838**

**Vs**

**Jesmond Tonna**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Gunju 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro1,409.23c (elf erba’ mija u disgha ewro u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta’ Marzu 2009 u bl-imghax dekorribbli mit-12 ta’ Settembru 2008 cioe mid-data ta’ l-ahhar konsenja kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat, b'dawn il-proceduri, huwa baqa ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2009 huwa naqas li jaghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenut baqa ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2009 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

Ha konjizzjoni tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta' Euro1,409.23c (elf erba' mija u disgha ewro u tlieta u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mit-12 ta' Settembru 2008 u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------